Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
Tel: (356) 2137 2111 Fax: (356) 2137 2555
Web: www.pembroke.gov.mt
e.mail: pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
Tel: (356) 2137 2111 Fax: (356) 2137 2555
Web: www.pembroke.gov.mt
e.mail: pembroke.lc@gov.mt

**Laqgha Numru 14/K7/2015 – Laqgha tal-lokalita'**

**Introduzzjoni**

L-Erbatax-il laqgha tas-Seba' Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2015 li saret nhar il-Gimgha 11 ta' Dicembru 2015.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fis-6.00pm.

Prezenti: Is-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, il-Kunsillier Mark Causon, il-Kunsillier Charles Cesare u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg, filwaqt li l-Ambaxxatur ghaz-Zghazagh Kurt Mizzi kien assenti.

Fuq talba tal-Kunsill kienu prezenti ukoll l-accountant tal-Kunsill Romina Perici Ferrante, il-Perit tal-Kunsill Christopher Mintoff u l-Contracts Manager Raphael Carabott.

Ghal-laqgha attendew 23-il resident. **(Ara Dok. 1)**

Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-laqgha kienet qed tigi streamed online.

Is-Sindku Dean Hili qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fl-4 ta' Dicembru 2015. L-Agenda kienet:

1. **Rapport ta' hidma ghas-sena 2015.**
2. **Estimi Finanzjarji 2016.**
3. **Mistoqsijiet u suggerimenti.**

## 01. Rapport ta' hidma ghas-sena 2015.

1.01. Is-Sindku Dean Hili qara rapport ta' hidma ghas-sena 2015. **(Ara Dok 2)**

## 02. Estimi Finanzjarji 2016.

2.01. Is-Sindku Dean Hili talab lill-Accountant Romina Perici Ferrante biex taqra l-Estimi Finanzjarji ghas-sena 2016. Wara ressaq ghad-diskussjoni tar-residenti l-istess Estimi. **(Ara Dok. 3)**

## 03. Mistoqsijiet u suggerimenti.

3.01. Is-Sindku Dean Hili talab lil dawk prezenti biex iresqu l-kummenti u s-suggerimenti taghhom.

3.02. Louis Zarb (Juno Flats) – Fi Triq Juno hemm lampa l'ilha 5 gimghat maqtugha u diga sar rapport lill-Kunsill. Hemm ukoll gheruq ta' sigra tal-palm fit-tarag li jaghti minn Triq Juno ghal Triq Tunis li huma perikoluza u ghalhekk hemm bzonn jitnehhew.

3.03. Audrey Farrugia (Triq il-Kurunell Lorenzo Manche') - issuggeriet il-possibilita' li tigi ntrodotta neighbourhood watch minhabba l-kriminalita' nkluz il-possibilita' li jsiru xi CCTV fl-akwata u jkunu immaniggjata minn xi kumpanija privata.

3.04. Is-Sindku Dean Hili nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill qed jitlob aktar ghajnuna lill-Pulizija biex issir aktar ronda. Dwar ic-CCTV il-problema hija l-moniteragg taghhom apparti li l-fondi tal-Kunsill huma limitata u tali process huwa fir-responsabblita' tal-Pulizija u mhux ta' xi kumpanija privata.

3.05. Raphael Cauchi (Triq il-President Anton Buttigieg) – Staqsa dwar iz-zona ta' Triq ANZAC bejn l-Australia Hall u St. Michaels School inkluz il-problema tad-dranagg, il-parti mharbta u n-nuqqas ta' dawl quddiem Gnien Clifford Micallef.

3.06. Is-Sindku Dean Hili rrimarka li l-problema tad-dranagg jidher l'issa giet solvuta. Dwar il-problema dwar l-art biswit St. Michaels, il-Kunsill precedenti ma kienx sab oggezzjoni ghall-progett u llum gara li l-parkegg propost kien propost fuq art privata, l'illum hija tal-kumpanija Fino. Irrimarka wkoll li l-attitudni ta' St. Michaels ma kienetx felici lejn dak propost mill-Kunsill.

3.07. Peter Borg (Misrah il-Fortizza) – Ilmenta li l-bankina ta' quddiem Sprachcaffe, meta jispiccaw l-iskejjel ta' Triq Alamein u Triq Suffolk, kulhadd jipparkja fuqha u tkun ostakolata u ghalhekk issuggerixxa li jsiru bollards biex hadd ma jipparkja. Irrimarka wkoll biex jispicca l-bus stop li hemm fir-rilwa ta' Triq Burma. Talab li jsiru xi locality maps fil-lokal u biex jitnehha l-bejjiegh tat-tankijiet tal-gass minn Misrah il-Fortizza u jerga' jmur lura fil-Park & Ride minhabba nkonvenjent li johloq.

3.08. Is-Sindku Dean Hili rrimarka li kien ser jivverifika dwar il-parking fi Triq Alamein. Dwar il-bus stop dan ser jispicca fil-jiem li gejja wara li ser jinbidlu r-rotot. Il-Kunsill ser jara x'jista' jsir dwar il-pjanti fit-toroq u dwar il-bejjiegh tal-gass.

3.09. Edmond Sciberras (Triq Bice Mizzi Vassallo) – Il-bins tal-klieb huma sparsi wisq mal-lokal. Hemm bzonn ikunu hemm aktar spissi. Fit-triq u fl-akwati tieghu hemm nuqqas ta' Gwardjani Lokali. L-ex Ministru M. Mallia f'laqgha pubblika sentejn ilu kien semma l-possibilita' ta' mobile police station, staqsa x'gara dwar dan.

3.10. Is-Sindku Dean Hili rrimarka li l-Kunsill huwa lest li jinstalla aktar dog litter bins jekk ikun hemm il-htiega. Dwar il-Gwardjani Lokali rrimarka l'illum hemm Agenzija gdida li hija f'perjodu transitorju u ghalhekk kull fejn hemm problema ser jitresqu ghall-attenzjoni taghhom. Dwar l-Ghassa Mobile jidher li prezentament din m'hijiex ta' prijorita' ghall-Ministru konċernat.

3.11. Noel Camilleri(Triq l-Imhallef William Harding) – Il-Kunsill kellu xi diskussjonijiet dwar il-Bini ta' l-Ambaxxata Ciniza, spjega dwar il-problema u nkonvenjent li batew ir-residenti mill-istorbju, il-culvert fid-dahla ta' Pembroke, u dak li gara dwar iz-zona fejn ser isiru t-tennis courts.

3.12. Is-Sindku Dean Hili – Irrimarka li z-zona fejn ser issir l-Ambaxxata Ciniza ilu snin immarkat zona ta' l-izvilupp u llum minflok housing ser issir ambaxxata. Il-Kunsill talab laqgha ma' l-ambaxxatur prezenti biex il-Kunsill jiddiskuti l-progett sabiex kemm jista' jkun il-footprint tal-bini jkun limitat inkluz limitazzjoni fuq l-gholi u l-inkonvenjent mit-traffiku. Gejna nfurmata li l-ambaxxatur kellu jispicca fi ftit taz-zmien iehor u ghalhekk ladarba jkun hemm ambaxxatur gdid ser titkompla d-diskussjoni mal-Kunsill sabiex

jitnaqqas kemm jista' jkun. Dwar l-istorbju saru diversi lmenti minn residenti minn Triq W. Harding dwar muzika gholja gejja minn 3 stabbilimenti mill-bajja ta' San Gorg. Saru diversi laqghat ma' l-Ghassa ta' San Giljan u dan sabiex jigu rispettata l-permessi mahruga. L-isfortuna kienet li wara li saru diversi laqghat, il-konkorrenza tar-residenti koncernata kienet fqira nkluz ghal-laqghat li saru ma' l-Ass. Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll anke waqt xiehda li nghatat il-Qorti. Dwar is-sit biswit il-Pembroke Racket Tennis Court, fi zmien meta l-Enemalta talbet il-permessi ghat-thaffir ghall-interconnector, il-Kunsill precedenti kien wera x-xewqa ma' l-Enemalta izda hadd miz-zewg nahat ma talab il-permessi tal-MEPA, la l-Kunsill u lanqas l-Enemalta. Fil-frattemp il-Pembroke Racket Tennis Club ghamel applikazzjoni biex ikabbar u l-Kunsill oggezzjona. Il-permess tal-MEPA inhareg, il-Kunsill appella u tilef l-appell. Sar anke appell fil-Qorti u hawn ukoll intilef l-appell. Nonistante l-Kunsill zamm kuntatt ma' l-Enemalta u l-izvilupp li kien propost issa hemm il-possibilita' li l-istess ammont jigi nvestit mill-Enemalta fil-picnic area ta' Triq Anzio. Dwar ix-xoghol li qed isir fuq l-upgrading tal-culvert, il-Kunsill qed jikkunsidra li jitnehhew sigar aljeni (ewkaliptur u akacja) u jinbidlu ma' sigar indigini. Inkluz ukoll li jitnehha r-rignu li hemm fl-akwata.

3.13. Mary Salafia (Triq Profs. Jos. E. Debono) – Huwa minnu li r-rotta l-gdida ser titwal hafna u ser issir 14.

3.14. Is-Sindku Dean Hili rrimarka l'iva r-rotta l-gdida ser tinkludi d-dawra kollha tal-lokal biex jintlahqu r-residenti kollha.

3.15. Norman Farrugia (Triq il-Mediterran) – Xtaq ikun jaf jekk hemmx xi zviluppi dwar il-progett tan-Nature Park. Qed isir xi haga dwar il-hmieg tal-klieb specjalment fejn hemm il-pont. X'ghamel il-green warden.

3.16. Il-Kunsillier Mark Causon – Irrimarka li l-management plan ghad iridu jigu approvata mill-Parlament.

3.17. Is-Sindku Dean Hili rrimarka li dwar il-hmieg tal-klieb, tul ic-cylce track hemm madwar 8 dog bins. Il-green warden kien allokat lill-Kunsill saghtejn biss fix-xahar.

***3.18. Fis-7:15pm il-Vici Sindku Raymond Lanzon talab li jigi skuzat u halla l-laqgha.***

3.19. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li hafna mill-abbuz mill-hmieg tal-klieb isir minn persuni li m'humiex mill-lokal. Saru laqghat informattiva u edukattivi biex ir-residenti jkunu mghalma. Il-Kunsill huwa limitat dwar x'jista' jsir.

3.20. Is-Sindku Dean Hili – Il-post jitnaddaf 3 darbiet fi-gimgha, spiza ta' €150.00 ghal kull bin u sfortunatament ghall-enforcement il-Kunsill huwa dipendenti fuq haddiehor.

3.21. Raphael Carabott (Contracts Manager) – Dwar il-klieb il-gwardjan irid jarah ihammeg u li ma jingabarx biex ikun jista' jiehu passi.

3.22. Anna Zammit (Triq Pietro Rossell) – Il-Kunsill ghandu servizz eccellenti ta' tindif izda hawn nies irresponsabbli u li jhamgu. Ilmentat fuq il-bin li hemm hdejn il-crash barrier fil-bidu ta' Triq Pietro Rossell u talbet li jigu rrangati l-hitan li hemm vandalizzata. Il-bankina fi Triq Pietru D'Armenia hemm pavimentar nieqes u l-bankina perikoluza.

3.23. Is-Sindku Dean Hili – Il-Kunsill ha nota.

3.24. Norman Farrugia (Triq il-Mediterran) – Ilmenta dwar l-overspeeding fi Triq il-Mediterran.

3.25. Is-Sindku Dean Hili – Irrimarka l'intbaghtet ittra lir-residenti u hadd ma jrid road humps, filwaqt li speed cameras ghad ma gewx approvati abbazi ta' traffic counts.

3.26. Raphael Carabott (Contracts Manager) – Dwar sleeping police ma tistax tigi approvata peress li mhiex arterja u l-applikazzjoni ta' speed camera giet rifjutata.

3.27. Is-Sindku Dean Hili ghalaq il-laqgha fit-7:45pm.

| | |
|---|---|
| Avv. Dean Hili | Kevin Borg 22/12/2015 |
| *Sindku* | ***Segretarju Ezekuttiv*** |

# Laqgha tal-lokalita' 11/12/2015

| Isem | Kunjom | Indirizz | Mobile | Firma |
|---|---|---|---|---|
| Edmond | Sciberras | Blk 3, Hse 3, Triq Bice mizzi Vassallo | 79372919 | [signature] |
| Joe | Grech | Juno Dr B, Flt 5, Triq Juno | 99882408 | Joe Grech |
| Louis | Zarb | Juno Dr C Flt 3, Triq Juno | 99249433 | Lou Zarb. |
| Salvina | Farrugia | 12, Triq l-Isqof A. Portelli | | S Farrugia |
| Anna | Zammit | Blk B9, Flt 4, Triq Pietro Rossel | 79433728 | Anna Zammit |
| Michael | Zammit | " " | 79433726 | Michael Zammit |
| Fabian | Mizzi | 61, Triq Gabriele Henin | 79060765 | [signature] |
| Dominic | Attard | 10, Triq l-Isqof A. Portelli | 79704519 | [signature] |
| Raphael | Cauchi | Blk 8, Flt 7, Triq il-Pres. A. Buttigieg | 79054046 | [signature] |
| Rose | Cauchi | " " | " " | Rose Cauchi |

Doki

# Laqgha tal-lokalita' 11/12/2015

| Isem | Kunjom | Indirizz | Mobile | Firma |
|---|---|---|---|---|
| Paul | Baldacchino | 40, Triq Giorgio Mitrovich | 99439982 | [illegible] |
| Josette | Hili | 7, Triq Madre M. de Brincat | | [illegible] |
| Charles | Hili | 7, Triq Madre M. de Brincat | | [illegible] |
| Celine | Zammit | 13, Triq Kurunell L. Manche | 79319717 | Cammi |
| Audrey | Farrugia | 14 " " | 99450965 | [illegible] |
| Peter | Borg | Palm House, Mqabar il-Fomi | 99469167 | [illegible] |
| Mario | Farrugia | 12, Triq l-Isqof A. Portelli | | M. Farrugia |
| Carmen | Zerafa | 15, Triq Patri A. T. Barthet | 79377374 | C Zerafa |
| Mary | Salafia | 3, Profs Sos E. Debono | 99274421 | M Salafia |
| Noel | Camilleri | 230, Judge W. Harding | 99859833 | [illegible] |

# Laqgha tal-lokalita' 11/12/2015

| Isem | Kunjom | Indirizz | Mobile | Firma |
|---|---|---|---|---|
| Antonio | Fenech | Dr B Flt 2, Triq Juno | 21372023 | Antoni Fenech |
| Felix | Fenech | " | " | Felix Fenech. |
| Norman | Farrugia | 35 [illegible] | 2134[illegible] | [illegible] |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |



Dok 2

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# 2015 – Rapport ta' ħidma mis-Sindku Dean Hili

**Sinjuri,**

Għal darb'oħra ltqajna llum sabiex flimkien inħarsu lura fuq sena oħra ta' ħidma ta' Kunsill immexxi minni f'dina l-leġislatura. Nistgħu ngħidu li kienet sena oħra ta' esperjenza ta' Kunsill prattikament ġdid li issa, qiegħed jgħaraf x'inhuma l-ħtiġijiet tal-lokalita` u jżomm ferm il-polz tal-bżonnijiet tagħha fiċ-ċentru tal-ħidma; il-lokalita` u l-bżonnijiet tar-residenti l-ewwel u qabel kull konsiderazzjoni oħra.

Naturalment flimkien ma' sħabi l-Kunsilliera qegħdin issa f'nofs il-leġislatura u għaldaqstant hemm il-benefiċċju li wieħed iħares lura u jevalwa l-pożizzjoni tiegħu u jistaqsi lilu nnifsu jekk huwiex sodisfatt bix-xogħol li sar, sa fejn irridu naslu, fejn jista` jitjieb, u kif nistgħu naqdu aħjar lir-residenti tal-lokalita` fil-bżonnijiet tagħhom, kemm dawk materjali, u oħrajn lil hinn minnhom.

Minkejja l-aspirazzjonijiet u l-pjanijiet kollha tal-Kunsill, fil-politika lokali, forsi bħal kull qasam ieħor tal-ħajja wara kollox – wieħed ikollu jżomm saqajh mal-art, jixtarr, jevalwa u jaħdem sewwa sew fuq il-prijoritajiet tiegħu. Qis mitt darba u aqta' darba jgħid il-qawl Malti; kliem sagrosant għal kull Kunsill żgħir bħal tagħna li jrid jagħraf il-bżonnijiet tal-lokalita` u jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu b'għaqal kbir f'sitwazzjoni fejn litteralment kull qatra tgħodd. Minkejja dan, ħarisna 'l quddiem b'ottimiżmu u rnexxielna nwettqu diversi xogħlijiet fil-lokalita` li taw spinta 'l quddiem lill-infrastruttura tal-lokalita` f'diversi żoni prominenti, filwaqt li rnexxielna nassiguraw livell għoli ta' servizz f'dak li għandu x'jaqsam ma' manutenzjoni ta' toroq mhux urbana, soft-areas, ġonna, u tindif ġenerali bi knis ta' żoni urbani.

Aktar minn hekk, din kienet is-sena fejn wara ħafna żmien ta' stennija, l-Kunsill Lokali għaraf jaħdem bil-għaqal sabiex jakkwista l-fondi bżonjużi tal-MEPA, speċifikament mill-fond UIF sabiex b'hekk il-Kunsill embarka fuq biċċtejn xogħol li kien ilhom xi żmien pendenti – speċifikament ix-xogħlijiet ta' rinovar ta' tnejn mill-ġonna prinċipali li għandna fil-lokalita' - Ġnien Madre Tereża ta' Kalkutta, biswit iż-żona tal-iskola primarja, u Ġnien l-4 ta' Lulju, biswit iż-żona tal-Luxol Grounds.

Indubjament biċċtejn xogħol li okkupaw lill-Kunsill għal diversi xhur u b'sens ta' sodisfazzjon ngħid li ormai dawn iż-żewġ proġetti ġew konklużi b'mod definittiv. Minnaħa l-oħra, b'sens ta' dieqa, u speċifikament għall-Ġnien l-4 ta' Lulju, jingħad illi minn dakinhar li ġew konklużi x-xogħlijiet, il-Kunsill diġa kellu jissostitwixxi madwar għaxar globi u jsewwi diversi arbli tal-elettriku wara li dawn sfaw fil-mira

ta' vandaliżmu sfrenat. Tassew sfortuna meta fondi pubbliċi jkollhom jiġu nvestiti mill-ġdid f'xogħlijiet li jkunu diġa saru, ħafna mid-drabi għal aktar minn darba.

Il-Kunsill ikkummisjona wkoll rapporti dwar l-istat tal-latrini pubbliċi kollha li għandna fil-lokalita' tagħna, ewlenin fosthom il-latrini li jinsabu f'dawn iż-żewġ ġonna hawn fuq imsemmija. Dana wara li dawn ukoll kienu ġew vandalizzati matul is-snin bil-konsegwenza li l-ispiża kienet telgħet ġmielha u għamlu diversi snin magħluqa. Matul l-aħħar sena għalhekk il-Kunsill ra illi dawn il-latrini jkunu mgħammra b'kollox u f'pożizzjoni li jiġu utilizzati mill-pubbliku nġenerali. Fil-fatt dan il-Kunsill kiteb u ppubblika tender ġdid, u llum iħaddem sistema li permezz tagħha l-Kunsill iħallas rata fissa kull xahar, bir-responsabbilita` tal-ftuħ, għeluq u manutenzjoni tal-latrini taqa` direttament f'idejn kuntrattur privat. B'hekk stajna niproġettaw in-nefqa għal sena sħiħa b'rabta ma' dan is-servizz, ikunu xi jkunu t-tiswijiet neċessarji, filwaqt illi niżguraw li s-servizz ikun wieħed sodisfaċenti għal kulħadd.

Fix-xhur ta' wara u wara li l-Kunsill ikkonkluda x-xogħlijiet b'rabta mal-ġonna, ħassejna l-bżonn illi nkomplu ntejbu l-livell tal-infrastruttura tal-lokalita` billi dawwarna ħsibijietna fuq bankini u xogħlijiet oħra biex b'hekk jogħla l-livell tal-aċċessibilita` fil-lokalita' filwaqt illi niżguraw livell għoli ta' siġurta` fit-toroq tagħna partikolarment f'żoni traffikużi fejn il-bankini kienu prattikament ineżistenti, u li s-servizzi relatati kienu għadhom mhux mittiefsa minn żmien is-servizzi ngliżi.

Ewlieni fost dawn ix-xogħlijiet kien il-proġett tal-bankina fi Triq Mandalay. Fuq talba ta' diversi residenti tat-triq imsemmija, u oħrajn mill-akwati ta' Juno, minkejja l-isfida evidenti li poġġa quddiemna l-element pittoresk tat-triq, kif ukoll il-limitazzjonijiet fil-wisa` tagħha, irnexxielna nfasslu bankina skond l-aħħar livelli ta' aċċessibilita` li llum tieħdok minn tarf sa tarf ta' triq, madwar 200 metru, u tingħaqad mal-kumplament tan-*network* ta' bankini fl-intrata tal-lokalita`, fl-istess waqt li ħloqna diversi spazji ta' parkeġġ b'benefiċċju għar-residenti. Dan kollu mingħajr ma' dejjaqna t-triq. Hawnhekk ma nistax ma nsellimx lill-memorja ta' seħibna s-sur Reno Maurin li ħalla din id-dinja matul din l-aħħar sena. Persunaġġ magħruf sew mar-residenti li ħa nteress attiv fit-tfassil tal-proġett sa mill-fażijiet inizjali tiegħu. Ninsabu tassew kburin bix-xogħlijiet li ġew konklużi f'dawn l-aħħar xhur.

Saret ukoll bankina ġdida matul Triq Burma kollha. Proġett ieħor estensiv u ambizzjuż li daħal għalih dan il-Kunsill. Triq Burma hija magħrufa sew ma dawk kollha li huma midħla tal-lokalita` u minkejja l-ġmiel taż-żona partikolarment fix-xhur tar-rebbiegħa, wieħed żgur li ma setax jinnega li n-nuqqas ta' bankina kien jinħass sewwa sew minn dawk kollha li jmorru xi mixja għall-arja tal-akwati. Saret għalhekk din il-bankina u tjieb mhux ftit il-livell ta' sigurta` għal dawk il-bosta li jagħmlu użu minnha, filwaqt illi żgurajna li l-impatt viżwali jkun wieħed li jinżamm fil-minimu. Fil-ġimgħat li għaddew ukoll il-Kunsill, b'inizjattiva konġunta mal-HSBC kompla jħawwel aktar siġar indiġini fiż-żona msemmija. B'hekk żgurajna li l-identita` u dak li verament inħobbu f'Pembroke ikun imġedded għal diversi snin oħra.

Saru wkoll xogħlijiet fid-daħla tal-lokal fi Triq Gioacchino Le Brun, direzzjoni lejn il-kumpless tar-Red Cross sabiex issa l-problema li kien hemm f'din il-*junction*

partikolari ġiet eliminata għal kollox billi twessgħet it-triq bil-korrezzjoni li saret fuq il-bankina.

Triq Camillo Sceberras hija triq oħra prominenti, litteralment fil-qalba tal-lokalita`, żona frekwentata mill-bosta residenti u viżitaturi li jagħmlu użu mill-faċilitajiet ta' Ġnien Madre Tereza ta' Kalkutta, l-iskola primarja Santa Klara u l-parroċċa tagħna, fosthom numru ta' tfal. Hawn ukoll il-Kunsill ħass il-bżonn l'issir bankina matul it-triq kollha, eliminajna l-parkeġġ irregolari li kien isir fit-tela' tat-triq imsemmija, b'riżultat li twessgħet it-triq u aċċertajna li ż-żona tkun aktar sigura għal dawk li jagħmlu użu pedonali minnha, partikolarment fil-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ mill-iskola primarja.

Propju f'din l-aħħar sena wkoll ġie konkluż proċess li jmur lura numru ta' snin, fejn ir-residenti ta' Sit A, żona tal-Housing viċin l-akwati ta' San Ġorġ bdew igawdu minn dawl ġdid li ormai ġie nstallat u jinsab mixgħul. Wara li dawn il-propjetajiet ġew mibjugħa lis-sidien xi snin ilu jidher li x-xogħol tħalla xi ftit nofs leħja mingħajr l-anqas ma ġie nstallat dawl fil-parti tal-landscaping, b'detriment għas-sigurta' tar-residenti. Il-Kunsill ħass li din kienet inġustizzja kbira max-xerrejja ġenwini u sa mill-ewwel ftit ġranet beda pressjoni mal-Awtorita' tad-Djar sabiex din l-anomalija tiġi ratifikata. Bi pjaċir ngħid li wara numru ta' laqgħat, illum qed naraw li dan id-dawl, bl-għajnuna wkoll tal-Enemalta, ġie mqabbad mad-dawl tat-toroq, bil-konsum jassumih il-Gvern, l-ispiża tal-infrastruttura baqgħet tal-Awtorita' tad-Djar, u l-Kunsill illum qiegħed jassumi l-manutenzjoni kollha li ser ikun hemm bżonn. Minn hawnhekk għal darb'oħra l-Kunsill jirringrazzja lill-Awtorita' tad-Djar li kkoperat bis-sħiħ mal-Kunsill f'din il-kwistjoni u daħlet għal spiża li telgħet għal madwar €20,000.

Sussegwentament komplew it-trattativi mal-Awtorita' tad-Djar sabiex illum ġiet solvuta wkoll il-problema f'Sit A, Blokk 5 sa 11 fejn minkejja li snin ilu kien ġie nstallat dawl fil-parti tal-landscaping dan kien irriżulta problematiku xi żmien ilu u għal diversi snin, dan id-dawl kien mitfi għal kollox bil-perikli kollha li ġġib magħha sitwazzjoni bħal din. Insistejna li din il-kwistjoni kellha tiġi ndirizzata wkoll. Ridna l'issir ġustizzja mar-residenti tal-akwata, u fl-istess waqt urejna x-xewqa li nagħtu l-kontribut tagħna sabiex niżguraw li dan iseħħ. Il-Kunsill ġabar stimi u ħadem id f'id mal-kuntrattur tiegħu sabiex ix-xogħol tal-Awtorita` ġie ffaċilitat. L-ispiża f'dan is-sit kienet qrib il-€50,000 u ta' dan, f'isem ir-residenti nirringrazzja lill-istess Awtorita` tal-impenn li ntwera. Illum dan ix-xogħol daħal għalih il-Kunsill Lokali wkoll u għalhekk il-manutenzjoni kollha ormai taqa` fir-responsabbilita` diretta tal-Kunsill.

Kull min jgħix fil-lokalita` tagħna ċertament għandu għal qalbu l-identita` unika tagħha. Ċert li kulħadd preżenti għandu għal qalbu n-natura u l-ispazji miftuħa li niftaħru tant bihom, l-għira ta' ħafna lokalitajiet. Is-serenita` tal-lokalita` matul il-jum, minnaħa l-oħra taf iġġib magħha l-abbużi matul il-lejl u għalhekk fuq talba ta' diversi residenti f'numri ta' żoni, l-Kunsill kompla bit-tnedija tal-pjanijiet għall-installazzjoni ta' dawl ġdid fejn kien meħtieġ. Saret lampa biswit il-binja tal-Girl Guides fi Triq Camillo Sceberras, 3 lampi oħra flimkien ma' bankina ġdida fi Triq Dun Ġużepp Farrugia wara blokk 7 fl-Ex-Parade Ground, flimkien ma applikazzjonijiet għal dawl ġdid konsistenti fi 3 lampi ġodda biswit il-MUSEUM, 3 lampi fi Triq Mons. L. Mifsud Tommasi, 3 lampi oħra bejn Triq Giorgio Mitrovich u l-binja okkupata mill-STC u 3 lampi oħra fil-parkeġġ tas-sit okkupat mill-Malta

Judo Federation. Riċentament saru wkoll applikazzjonijiet għal dawl ġdid wara Blokk 10 fuq talba ta' diversi residenti.

F'dan l-isfond ta' min ukoll isemmi li l-Kunsill ħadem mal-kuntratturi tiegħu sabiex għal din is-sena ħriġna b'disinni ġodda ta' dawl dekorattiv tal-Milied fi Triq Normandy, liema dwal ġew għall-ewwel darba estiżi wkoll għat-tul kollu ta' Triq Alamein, flimkien ma' diversi nstallazzjonijiet oħra ta' dawl matul it-triq tal-Knisja tal-lokal. Nittama li dawn jintgħoġbu minkom ir-residenti f'dawn il-jiem ta' festi.

Il-Kunsill matul is-snin dejjem saħaq fuq l-indafa, partikolarment minħabba l-artijiet pubbliċi kollha li għandna x-xorti ngawdu madwarna. Din l-aħħar sena rat lill-Kunsill jaħdem flimkien mal-MTA sabiex ic-*cycle track* li tgħaddi minn ġol-isbaħ parti protetta tal-kampanja f'Pembroke tingħata aktar prominenza, wara li ġiet uffiċjalment inawgurata mill-Onor. Edward Zammit Lewis. Rat ukoll l-installazzjoni ta' numru ta' *bins* f'siti pubbliċi, u kif ukoll *dog litter bins* fit-toroq l-aktar prominenti tal-lokalita' u l-pajsaġġ ta' Pembroke sabiex kemm jista' jkun ix-xogħol tajjeb li llum qiegħed isir mill-kuntratturi nkarigati mit-tindif pubbliku jiġi kkonsolidat u tinżamm aktar indafa.

B'dispjaċir ngħid illi dan ix-xogħol xi ftit jew wisq jiġi mxekkel minn minoranza ta' persuni li jirrifjutaw li jagħmlu użu mill-*bins* provduti u jonqsu milli jiġbru l-ħmieġ tal-klieb tagħhom li jitħalla fuq l-istess *cycle track* jew il-bankini varji tal-lokalita`. Huwa tassew inġust li x-xogħol u l-impenn tal-Kunsill u n-nies tiegħu jiġi mxejjen minn uħud li sfortunatament għad għandhom f'moħħhom li l-indafa tibda u tispiċċa mal-għatba ta' djarhom biss, u mkien aktar.

L-inizjattivi favur l-identita' tal-lokalita' ma naqsux lanqas, b'diversi siġar li ġew imħawwla madwar Pembroke. Wara li s-sena li għaddiet, b'sodisfazzjon ngħid li konna waħda mill-lokalitajiet li ħawwilna numru ta' siġar li ġew rilokati minn Triq il-Kosta għal ġewwa Pembroke, din is-sena komplejna fejn ħallejna. Fuq inizjattiva tal-kumpless Baystreet saret inizjattiva sabiex ġew imħawwla diversi siġar lokali fis-soft area fi Triq Camillo Sceberras. Fi Triq Burma l-bank HSBC flimkien mal-Kunsill, kif ingħad, ħawwel diversi siġar indiġini. Saret ukoll *clean-up* fiż-żona Natura2000 flimkien mal-kumpanija Tek-Experts bl-għajnuna ta' NatureTrust li għaliha attenda wkoll l-Onor. Ministru Leo Brincat. Saret prassi tal-Kunsill li entitajiet li jitolbu li jagħmlu użu minn parti jew oħra tal-lokalita` għal skopijiet kummerċjali tagħhom jiġu mitluba jħawlu siġar bħala kontribuzzjoni lill-lokalita` li tkun laqgħathom, u b'hekk dejjem insebħu l-ambjent ta' madwarna u ninvestu fl-ambjent tal-ġejjieni.

Konxju tal-fatt illi l-maġġor parti tar-residenti japprezzaw dawn l-isforzi u għandhom tassew l-ambjent tagħna għal qalbhom. Minn hawn nawgura li dan l-interess fiż-żoni miftuħa li jsawru l-lokalita` tagħna jkompli jitkattar sabiex flimkien nassiguraw li ma tintilef l-ebda parti mill-imkejjen naturali li ngawdu.

Dan il-Kunsill ħa ħsieb ukoll jorganizza diversi attivitajiet sportivi, filantropiċi u oħrajn soċjali. Rajna fost oħrajn l-attivitajiet ta' ġbir ta' ħwejjeġ b'risq l-Inspire, din is-sena ser issir għall-benefiċċju tal-NGO NatureTrust, l-attivitajiet relatati ma' Jum il-Lokal, attivitajiet għat-tfal ma naqsux lanqas fi żmien il-Milied u żmien il-Karnival, u kif ukoll attivitajiet fi żmien il-festi għall-anzjani tagħna. Ħadna wkoll ħsieb mill-ġdid norganizzaw it-tornament ta' kull sena flimkien mal-Pembroke

Athleta Football Nursery, kif ser isir għal darb'oħra matul is-sena li ġejja, għal benefiċċju tat-tfal tal-lokalita` tagħna, u kif ukoll t-tilqim kontra l-influwenza.

Nemmnu li ma għandniex inkunu Kunsill li jirreaġixxi għal dak li jiġri madwaru iżda jkun hu li jħares 'l quddiem u jipproġetta l-futur tiegħu billi jkun pro-attiv. B'hekk biss nassiguraw li l-ġejjieni tal-lokalita` jkun wieħed li jagħtina raġunijiet għalxiex inkunu kburin. B'dan il-ħsieb f'moħna saru numru ta' laqgħat ma' St. Michaels School u Fino dwar l-art u l-problemi li kien hemm fuq id-dranaġġ u l-upgrading ta' l-area, laqgħa ma' l-STC, Sprachcaffe, Verdala u Judo dwar l-upgrading ta' l-area, laqgħa ma' Projects Malta dwar l-iżvilupp ta' l-ITS, laqgħa mal-avukat Stefan Zrinzo Azzopardi dwar il-pjanijiet tal-Korporazzjoni għar-Riġenerazzjoni tal-Bajja ta' San Ġorġ, diversi laqgħat ma' l-Enemalta dwar il-possibilita` li jsir l-upgrading tal-picnic area bħala kumpens għax-xogħlijiet li saru fis-snin li għaddew fid-daħla tal-lokalita`, laqgħat dwar il-possibilita' ta' One Way System u l-problema tat-traffiku biswit il-MUSEUM, diversi laqgħat ma' l-Awtorita' tad-Djar dwar il-problema ta' l-ilma fil-basements ta' Sit A5 – A11, laqgħat mal-MEPA dwar il-ħarsien, manutenzjoni u protezzjoni tas-sit Natura2000, u laqgħat oħrajn mal-Onor. Ministru Joe Mizzi dwar is-servizz ta' trasport rivedut li ser jitnieda fil-jiem li ġejjien fil-lokalita`.

Riċentament il-Kunsill issieħeb fil-working group li ntalab mill-Onor. Ministru Carmelo Abela dwar is-sigurta` ta' Paceville u l-imkejjen tal-madwar. Nittamaw li fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjien naraw sforzi akbar sabiex il-lokalita` tkun mgħammra u mgħassa bi sforzi akbar mill-Għassa San Ġiljan li, huwa evidenti li mhijiex tlaħħaq max-xogħol li jaqa` fir-responsabbilita` diretta tagħha.

Dan il-Kunsill jemmen li l-missjoni tiegħu mhijiex biss waħda li sservi lir-resident fil-bżonnijiet materjali tiegħu. Konvinti li biex verament nkunu ta' servizz sħiħ irridu nkunu kommessi li nipprovdu l-faċilitajiet sabiex wieħed ikun jista` jiżviluppa l-ħiliet, l-edukazzjoni u l-interessi tiegħu. B'dan il-ħsieb ġew provduti korsijiet fit-tagħlim tal-kompjuter b'xejn għat-tfal, flimkien ma' korsijiet oħra għal persuni li qiegħdin ifittxu mpjieġ flimkien mal-ETC. Saru wkoll korsijiet dwar Għaqal fid-Dar, u attivitajiet ta' qari ta' stejjer għat-tfal waqt il-ħinijiet tal-ftuħ tal-librerija. Konna wkoll mill-ġdid parteċipi fl-organizazzjoni ta' Science Safari 2015 organizzat mill-Pembroke Science Centre, preżenti wkoll għal din l-attivita' kien hemm l-Onor. Evarist Bartolo.

Il-Kunsill qiegħed ukoll joffri kors tax-xjenza għat-tfal bil-koperazzjoni tal-Pembroke Science Centre. Tassew opportunita' unika għat-tfal tal-lokalita`.

Din is-sena ġew ukoll organizzati l-Pembroke Swieqi Road Races mis-sezzjoni tal-Atletika fi ħdan il-Pembroke Athleta Sports Club, propju l-wieħed u għoxrin edizzjoni. Il-Kunsill għal darb'oħra ħa ħsieb jgħin fil-promozzjoni ta' din l-attivita' li mill-ġdid kienet suċċess kbir għall-klabb.

B'hekk wasalna biex ngħalqu sena oħra li nittama laħqet xi ftit mill-aspettattivi tagħkom ir-residenti li fl-aħħar mill-aħħar, ġejna fdati nirrappreżentaw. Minn hawn nirringrazzja lill-Kunsilliera sħabi tas-sehem tagħhom, il-Viċi Sindku Ray Lanzon, lill-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat, Mark Causon u Charles Cesare, u lill-impjegati amministrattivi mmexxi mis-Segretarju Eżekuttiv is-sur Kevin Borg.

Fuq nota personali ninkoraġġikom tissieħbu magħna fil-paġna ta' Facebook li nieda dan il-Kunsill fl-ewwel jiem tiegħu. Infakkar ukoll li l-laqgħat tal-Kunsill huma *streamed online* u għaldaqstant illum huwa faċli aktar minn qatt qabel li wieħed isegwi x-xogħol voluminuż li jsir minn żmien għal żmien. Nirringrazzja wkoll lil dawk li dejjem urew interess fix-xogħol u l-attivitajiet tal-Kunsill, filwaqt li ninkoraġġixxi lil dawk oħrajn sabiex ma joqgħodux lura jikkomunikaw magħna – hekk biss nistgħu nifhmu aħjar u ngħinu lil xulxin. Kif inħobb ngħid, fittxuna u ssibuna.

Fl-aħħar ngħid illi fadal ħafna xogħol xi jsir. Dan il-Kunsill huwa bħal familja kbira li trid tara kif taqdi l-akbar mill-ħafna bżonnijiet li għandha, imma mhux qabel ma jkun sar eżerċizzju għaqli li jfassal il-prijoritajiet. Nemmen bis-sħiħ li qiegħdin nieħdu d-deċiżjonijiet b'responsabbilita` u bżulija. Il-fondi qiegħdin jiġu direttament investiti fil-lokalita` u uliedha, bit-tama li jħallu l-frott mixtieq; lokalita` li tkompli tifjorixxi, litteralment!

Inħarsu 'l quddiem b'sens ta' ottimiżmu lejn sena ġdida, mimlija sfidi ġodda.

Grazzi,

**Avv. Dean Hili**
***Sindku***
**11 ta' Diċembru 2015**

**Sindku** : Avv. Dean Hili **Viċi Sindku** : Raymond Lanżon
**Kunsilliera** : Evelyn Vella Brinċat, Mark Ċauson u Ċharles Ċesare

**Seġretarju Eżekuttiv** : Kevin Borġ

Dok 3

# Kunsill Lokali Pembroke

## Estimi Annwali

**2016**

**Werrej**

# Dħul u Infieq

## Dħul għas-Sena 2016.

Huwa previst li l-Kunsill ser jiġi allokat is-somma ta' **€366,390.00** għas-sena finanzjarja 2016.

Huwa previst ukoll li jkun hemm dħul **€500.00** mill-iskema tal-libreriji, **€3,600.00** mill-permessi, **€100.00** minn sponsors, **€5,000.00** minn kummisjonijiet amministrattivi, **€750.00** minn bejgħ ta' dokumenti tat-tenders u **€60.00** f'imaxijiet tal-Bank, total globali ta' **€376,400.00**.

## Infiq għas-Sena 2016

l-Infieq inkluż il-ħlas tal-kontijiet pendenti huwa mqassam fuq żewġ voti prinċipali li huma:-

1 **Pagi u Salarji,**

2 **Manutenzjoni u Xogħlijiet Oħra,**

## *1. Pagi u Salarji :-*

Il-Kunsill qiegħed jimpjega l-'full complement' għalhekk qed jalloka **23.92%** ta' l-infiq kollu jigifieri **€90,037.41**. Dan l-ammont ser jiġi mqassam hekk :

I. *Onorarja tas-Sindku.* Stmat **€7,229.00.**

II. *Pagi u Salari ta' l-impjegati.* Stmat **€61,333.00**

III. *Bonus u Performance Bonus.* Stmat **€6,228.00**

IV. *Income Suppliments u Kontribuzzjonijiet Sigurta' Soċjali.* Stmat **€6,139.41**

V. *Allowance tas-Sindku u l-Kunsilliera.* Stmat **€6,400.00**

VI. *Sahra ta' l-iskrivana.* Stmat **€ 2,708.00**

## *2. Manutenzjoni u Xogħlijiet Oħra :-*

Dan il-vot ser ikollu allokat **76.08%** mis-somma totali ta' l-infiq jiġifieri **€286,362.59.** Dan l-ammont ser jiġi mqassam hekk :

***a) Utilitajiet :***

Hawn jidħlu l-ħlasijiet għas-servizzi tad-dawl u l-ilma ta' l-uffiċċju tal-Kunsill, ta' Ġnien 4 ta' Lulju, Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta, il-Batterija ta' Pembroke kif ukoll għat-telefon u linja ċellulari tal-Kunsill. Allokat **€5,672.00.**

***b) Xiri ta' Materjal :***

Hawn jidħol l-użu ta' materjal u affarijiet bżonjużi biex jiffunzjona l-Kunsill, affarijiet użati għat-tindif, uniformijiet u ħwejjeġ relatati. Allokat **€300.00.**

***c) Tiswijiet u Manutenzjoni :***

Tiswija u manutenzjoni ta' toroq u bankini, tabelli u marki tat-traffiku, l-uffiċċju amministrattiv kif ukoll spejjeż għat-tiswija u l-manutenzjoni ta' makkinarju u għamara ta' l-uffiċċju. Allokat **€67,350.00.**

***d) Kera :***

Ir-Renta tiġbor fiha spejjeż konnessi mal-kiri tal-lokal użat mill-Kunsill, art u bini. Allokat **€1,456.00.**

***e) Sħubija f'Assoċjazzjonijiet Internazzjonali :***

Kull kontribuzzjoni jew ħlas ta' sħubija li jitħallsu mill-Kunsill lill-Organiżazzjonijiet. Dan jinkludi ħlas ta' membership fl-ECAD u miżati għas-seminars li jsiru għas-Sindki u Viċi Sindki Maltin. Allokat **€1,200.00.**

***f) Spejjeż ta' l-Uffiċċju :***

Hawn jidhru l-ispejjeż konnessi ma' l-uffiċċju, stampar, xiri ta' karti u 'envelopes' u ħtiġijiet oħra ta' l-uffiċċju, pustaġġ u xiri ta' xi dokumenti, provvista u printjar ta' flyers li jitqassmu fid-djar. Allokat **€3,295.00.**

***g) Trasport :***

Ħlasijiet għal ġarr ta' materjal, rimburzar ta' trasport u transport ta' persuni meta ssir xi attivita' f'Malta u f'Għawdex. Allokat **€1,150.00.**

***h) Vjaġġar u Safar :***

Vjaġġar fuq xogħol konness mal-Kunsill u li jinkludi parteċipazzjoni f'laqgħat Internazzjonali. Laqgħat Internazzjonali ta' L-European Cities Against Drugs li Pembroke huwa membru firmatarju. L-ammont allokat qed jiġi proġettat li jintefaq f'każ li l-Kunsill jipparteċipa f'xi proġett iffinanzjat mill-EU. Allokat **€000.00.**

***i) Informazzjoni Għall-Pubbliku :***

Spejjeż konnessi mar-relazzjoni pubbliċi, spejjeż biex jinżammu laqgħat pubbliċi, reklamar, pubblikazzjonijiet tal-Kunsill, il-Home Page tal-Kunsill fuq l-Internet, fieri u esibizzjonijiet u spejjeż ta' librerija. Allokat **€3,030.00.**

***j) Servizzi b'Kuntratt :***

Ġbir ta' skart, kiri ta' skips, knis ta' toroq, spejjeż konnessi mat-tindif tal-lokal tal-Kunsill, tindif u manutenzjoni ta' Ġonna u 'parks', tindif u manutenzjoni ta' wesgħat bil-ħaxix, poloz tas-sigurta', manutenzjoni tad-dwal tat-toroq, żamma u manutenzjoni ta' open areas u kuntratti oħra. Allokat **€170,007.59**.

***k) Servizzi Professjonali :***

Servizz ta' Project Management, contracts manager, servizz ta' Avukat, servizz ta' Accountant, servizzi religjuzi, xiri ta' servizz legali u ħlasijiet professjonali oħra. Allokat **€20,876.50.**

***l) Training :***

Spejjeż għall-taħriġ t'impjegati tal-Kunsill u korsijiet tal-kompjuter. Allokat **€500.00.**

***m) Ospitalita' u Servizzi lill-Komunita' :***

Spejjeż relatati m'attivitajiet soċjali u kulturali, konferenzi, viżiti minn delegazzjonijiet barranin, servizz lill-komunita', donazzjonijiet lill-entitajiet filantropiċi kif stabbilit fl-Att u s-sostenn ieħor. Żjajjar biex jitkompla u jiġi mplimentat il-Ġemellaġġ ma' Pembroke Dock Town f'Wales, Pembroke Town f'Wales u Roccalumera fi Sqallija. Allokat **€11,430.00.**

***n) Spejjeż Inċidentali :***

Spejjeż minimi li ma jagħmlux parti mill-lista hawn fuq imsemmija. Allokat **€95.50.**

## Konklużjoni

Mill-ispjegazzjoni ta' l-istima jidher ċar li l-Kunsill qiegħed jagħmel dak kollu possibbli sabiex iwettaq riżultati pożittivi għar-responsabilitajiet kollha li ngħatawlu skond il-Liġi tal-Kunsilli Lokali.

**Avv. Dean Hili**
**Sindku**

**Kevin Borg**
**Segretarju Eżekuttiv**